tgħannix fuq ix-xemx, tgħannix fuq il-baħar, fuq il-fjuri u l-kwiekeb u s-sħab u x-xita u l-agħsafar, għax dawn kollha huma affarijiet li għannew fuqhom poeti oħra". U tista' tgħidlu wkoll lill-poeta: "Tgħannix fuq l-imħabba tiegħek lejn it-tfajla li tħobb għax xbajna' naqraw poeżiji ta 'poeti' miktubin għat-tfajla li jħobbu". Kieku naslu f'dan l-istat, il-poeta jitlef mhux biss il-famuża liċenzja poetika (li qiegħda biex tużaha u mhux biex tabbużaha) iżda l-poeta jasal ukoll fi stat li biex jikteb poeżija jkollu japplika għal-liċenzja li qabel tingħatalu trid tgħaddi minn ħafna "red tape" tad-dipartimenti tal-letteratura.

Għalhekk il-poeta jrid bilfors jitħalla jikteb fuq suġġett li ntużaw ħafna drabi, basta jżomm stil għoli, u jkun oriġinali jew fl-angoli li jieħu tas-suġġett jew fl-għażla tal-kliem u tixbihat, eċċ.

Ma ninsewx, wara kollox, li fid-dinja kważi ma hawn xejn oriġinali. Iżda aħna nistgħu dejjem nagħmlu ħilitna biex noħorġu b'affarijiet oriġinali fuq suġġetti antiki. Kif qal wieħed għaref: "We see things not as they are, but as we are"; għalhekk għal-kemm l-oġġetti ma jkunux oriġinali, *aħna* nistgħu nkunu oriġi-nali, għax quddiem għajnejna jidhru iffokati, u skond il-kuluri tan-nuċċali individwali tagħna.

## DILEMMA ŻŻOMMNI SIEKET!

Ta' VINCENT CARUANA

F'nofs triq il-ħajja nżilt mis-sema għalija;
Għalaqtli t-triq li tħalli l-qalb mistrieħa;
W għalkemm bil-kemm kont nafek, għall-mistħija,
M'għannaqtekx miegħi, daqskemm dehert sabiħa.

U kemm tfajliet pinġejt fil-poeżija
Bħal statwi ġġarrfu fl-art f'tifrika sħiħa;
Bħal xemgħa f'dawl ix-xemx tfew fis-sbuħija;
Fuq kollha ssaltan inti biss rebbieħa.

Narak jew naħseb fik inħoss tingiża
Ta' xafra tikwi f'sidri w fommi msikket,
Meħjut li juri mħabbti lejk, għażiża.

Qed nibża', jgħaddi ż-żmien, u ma' kull ħarsa
Lejn din il-poeżija nerġa 'mnikket
L-imrar inġarrab tat-tifkria qarsa.



## L-GĦANJA TAL-WARRANI *
## (LILL-GĦAR TAL-QATTARA)

*Ta'* Pawlu Caruana

Urini qalbek ħalli nsib is-seħer
li għandek moħbi; kif minn blata samma,
qatra, qatra, jxoqq l-ilma u kull taqtira
redgħet is-safa u l-benna mill-blat għeri.
Mis-saqaf niedi tnixxi qatra żgħira,
tikber, titqal, tiżżerżaq, fl-aħħar taqa'
u titwaħħad ma' sħabha f'ħawt imgħawwar.
Imb'għad terġa' oħra, w' oħra, hekk ix-xejra
ta' l-ilma tibqa' sejra bla ma tehda.
Għaddew is-snin bl-eluf minn meta tnisslet
u serpet qajla, qajla fik dil-ħajja.
Oqbla ta' bhejjem kbar, bhejjem għariba,
kien għadhom jgħammru ġol-għerien mudlama
u jiġġerrew mal-blat donnhom egħfieret,
isemmgħu l-għajta waħxija u mqita
sakemm il-ġnub tal-wied jirtogħdu u jidwu.
Min jaf kemm rajthom fil-lijeli sajfija,
(u l-qamar kien jagħtihom dehra ġdida)
jimirħu u jirgħu, jissaraw bejniethom:
u rajt uħud maqtula, uħud imdemma
resqin muġugħa lejk biex kieku jrejqu
l-aħħar nixfa tal-mewt u jtaffu l-ġrieħi!
U kemm rajt minnhom fil-ljieli xitwija,
meqruda u mkaxkrin mill-ħamla kiefra!
Tgħid għammar fik ukoll il-bniedem bikri
meta kien għadu dehni bħal tarbija?
Min jista' jgħid 'kk il-ħofra fl-art moħfija
tħaffritx taħt id-daqqiet tal-ġebel żonqri
jew taħt il-qawwa ta' xi għodda ewliena?...
Jonkella l-ilma li maż-żmien għawwarha?
Misteru għalina l-lum l-imgħoddi tiegħek
għaliex iż-żmien nessej difen ġrajjietek.
Int tibqa' mbikkem quddiem din il-ħerba,
bħal min mirbuħ mill-biża' jew min-niket
iħoss ilsienu tqil u l-kelma iebsa.
Ir-ritmu biss ta' l-ilma ħaj fadallek.
irodd imnikket l-għanja tal-Warrani.

* *Tagħrifa*: F'Wied il-Għasel hemm għar imlaqqam "tal-Qattara", għax mis-saqaf tiegħu dejjem inixxi l-ilma.